

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Kriminali](#) > [Kooperazzjoni Ġudizzjarja](#) > [Konfiska](#)

## Konfiska

Il-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali ilha meqjusa għal ħafna żmien fl-Unjoni Ewropea bħala waħda mill-aktar għodod effettivi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Il-konfiska tolqot ir-raġuni ewlenija tal-eżistenza tal-organizzazzjonijiet kriminali, jiġifieri l-massimizzazzjoni tal-profitt b'mezzi illeċiti. Il-konfiska tisser deċiżjoni ġudizzjarja finali li tirriżulta fiċ-ċaħda definittiva mill-proprjetà.

### Konfiska f'livell internazzjonali

F'livell internazzjonali hemm diversi strumenti li jipromwovu l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali. Pass importanti ħafna fil-promozzjoni tal-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali huwa l-[Konvenzjoni ta' Strasburgu tal-1990](#), li ġiet irratifikata mis-27 Stat Membru tal-UE. Din għandha l-għan li tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali fl-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar u l-konfiska tal-assi kriminali. Din il-Konvenzjoni ġiet issupplimentata u aġġornata mill-[Konvenzjoni ta' Varsavja tal-2005](#).

### Konfiska fl-Unjoni Ewropea

L-Unjoni Ewropea ilha tiddikjara l-importanza tal-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali. Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fir-rigward tal-konfiska fl-UE, ġew adottati diversi strumenti leġislattivi tal-UE fis-snin li għaddew. L-UE issa qed tiffoka fuq l-implimentazzjoni xierqa ta' dawn l-istrumenti fil-livell nazzjonali.

- Id-[Deċiżjoni Kwadru dwar l-iffriżar u l-konfiska](#) tar-rikavat minn attività kriminali ġiet adottata fl-2001. L-għan kien li tiżgura approċċ minimu komuni tal-Istati Membri f'termini ta' dawk ir-reati kriminali li għalihom għandhom jipprevedu konfiska. Ir-regola ġenerali hija li jekk reat ikun punibbli b'piena ta' priġunerija massima ta' iktar minn sena, għandu jkun possibbli skont id-dritt nazzjonali li tiġi ordnata l-konfiska tar-rikavat iġġenerat minn dak ir-reat. L-Istati Membri huma meħtieġa li jistabbilixxu sistema ta' konfiska ta' valur. It-talbiet kollha li jiġu minn Stati Membri oħrajn għandhom jiġu pproċessati bl-istess priyorità li tingħata lil tali miżuri fi proċedimenti purament domestiċi.
- Id-[Deċiżjoni Kwadru dwar il-Konfiska](#) tal-2005 għandha l-għan li tiżgura livell addizzjonali ta' approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-konfiska kriminali.
- Id-[Deċiżjoni Kwadru dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku għal Ordnijiet ta' Konfiska](#) tistabbilixxi r-regoli li permezz tagħhom l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru wieħed għandhom jirrikonoxxu u jeżegwixxu ordni ta' konfiska fit-territorju tiegħu maħruġa mill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru ieħor. Il-valur tal-proprjetà konfiskata jinqasam b'mod ugwali bejn l-Istat emittenti u dak ta' eżekuzzjoni.
- L-ordni ta' konfiska spiss tkun preċeduta mill-iffriżar tal-assi. Biex l-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji jkunu jistgħu jissekwestraw il-proprjetà fuq talba tal-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru ieħor, fl-2003 ġiet adottata d-[Deċiżjoni Kwadru dwar l-iffriżar ta' proprjetà jew evidenza](#) (ara wkoll it-taqsimha dwar l-[Iffriżar tal-assi u provi](#)).
- Biex il-kooperazzjoni Prattika bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tkun effettiva, id-[Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi](#) tipprova tibni fuq il-kooperazzjoni informali, li seħħet fost il-punti ta' kuntatt fl-Istati Membri li jaħdmu fil-qasam tal-identifikazzjoni, it-traċċar u l-irkupru ta' assi kriminali fin-[network CARIN](#). Din id-Deċiżjoni teħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew jaħtru "Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi", bil-funzjoni li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni effettiva u l-iskambju tal-informazzjoni fil-qasam tal-irkupru tal-assi.

- Fl-2014, ġiet adottata [Direttiva](#) biex tagħmilha eħfef għall-Istati tal-UE biex jikkonfiskaw l-assi li jkunu ġejjin mill-kriminalità serja u organizzata. Id-Direttiva għandha l-għan li tissimplifika r-regoli eżistenti u timla l-lakuni importanti li qed jiġu sfruttati mill-gruppi tal-kriminalità organizzata. Hija ssaħħaħ il-kapaċità tal-Istati tal-UE li jikkonfiskaw l-assi li jkunu ġew trasferiti lil terzi, tagħmel il-konfiska tal-assi kriminali eħfef anki meta l-persuna ssuspettata tkun ħarbet u tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu temporanjament jiffriżaw assi li jkun hemm riskju li jgħibu jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni.
- Fl-2018 ġie adottat ir-Regolament dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska. Dan japplika mid-19 ta' Diċembru 2020. Għandu l-għan li jiffaċilita l-irkupru tal-assi f'każijiet transfruntieri fl-UE. Ir-Regolament japplika għall-ordnijiet ta' ffriżar u konfiska maħruġa minn Stat Membru fil-qafas ta' proċedimenti f'materji kriminali. Jistabbilixxi skadenzi ċari u qosra għar-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta' ffriżar. Itejjeb id-drittijiet tal-vittmi għar-restituzzjoni u l-kumpens fi proċedimenti transfruntieri. Ir-Regolament jipprovdi salvagwardji biex jiġi żgurat li r-rikonoxximent reċiproku tal-ordnijiet ta' ffriżar jew ta' konfiska jkunu konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Dan japplika bejn l-Istati Membri tal-UE (minbarra d-Danimarka u l-Irlanda) u jissostitwixxi d-Deċiżjonijiet Qafas tal-2003 u l-2006.
- In-[Network Ġudizzjarju Ewropew](#) jipprovdi informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti u d-dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri.

---

■ L-aħħar aġġornament: 16/09/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.